# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 394/2016**

Il-Pulizija

vs

**Rafael De Paula Rodrigues**

Iben Antonio, imwieled il-Brasil, fil-15 ta' Mejju, 1995 u detentur tal-passaport YB419830

Illum, 8 ta' Awwissu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Rafael De Paula Rodrigues quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer, fil-bajja ta' San Gorg, San Giljan, nhar is-17 ta' Lulju 2016, ghal habta ta' 08:45hrs:

1. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Lidia Fotina.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittma Lidia Fotina.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Lulju, 2016 fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih u wara li rat l-artikoli 207, 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannat lill-imputat ghal perjodu ta' hames xhur prigunerija, kif ukoll ghall-hlas ta' elfejn Euro (€2,000) taht l-imsemmija artikoli u tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-vittma Lidia Fotina li ghandha tibqa' fis-sehh ghal zmien tlett snin li jibda jiddekorri wara li l-imputat jiskonta l-imsemmija piena ta' prigunerija.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Rafael De Paula Rodrigues ipprezentat fit-26 ta' Lulju, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikati tas-17 ta' Lulju, 2016 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah minnha u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Jidher car mill-atti tal-kawza li ma hemmx l-elementi tar-reat. Ma kienx hemm l-ebda attakk vjolenti fuq l-parte civile u l-anqas kien hemm prova ta' l-intenzjoni li ta' l-appellant li jwettaq tali reat.

Illi huwa minnu li f'dawn il-proceduri l-appellant irrakkonta li kien waqa fuq mara li kienet qeghda ixxemmex fuq il-bajja. Jihder car li l-incident kien sehh matul il-gurnata meta kien hemm ammont sostanzjali ta' persuni u l-incidenti sehh fi ftit sekondi.

Illi minn wara s-sentenza l-fatti saru aktar cari, fis-sens li l-appellant kien inghata "bet" jew sfida, sabiex jmur u jbus iz-zaqq ta' mara anzjana. L-appellant accetta l-isfida, izda fl-ebda mument ma kien hemm l-intenzjoni li jwettaq ir-reat li bih kien gie akkuzat bih u kien gie misjub hati. Kienet "practical joke" ta' zaghzagh li kienu fuq ix-xatt. Huwa minnu li ghall-parte civile ma hadietx dan l-incident bhala cajta, izda certament ma kienetx dak li rraportat lill-pulizija.

Illi l-appellant ta din il-verzjoni ghaliex ried jipproteggi lill-hbieb tieghu li kienu nvoluti f'din ic-cajta. Ma kienx jaf li dan l-incident kien se jispicca bl-arrest tieghu u interrograzzjoni u imbaghad jitressaq il-Qorti u bhala fatt ha decizjoni ohra hazina fejn qal li waqa fuq il-mara. Fil-fatt wiehed mill-hbieb tieghu gibed filmat fuq il-mobile tieghu u hemm filmat car ta' dak li gara, li huwa 'l boghod hafna ta' dak li kienet qalet il-parte civile.

Illi fis-sentenza Il-Pulizija v. Owen Calleja ta' 11 ta' Jannar, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-Qorti kkwotat minn Archibold fil-Magistrates' Courts Criminal Procedure 2016:

"In H. (2005) 2 Cr.App.R, the Court ruled that where a man had grabbed at the trousers of a female complainant, shortly after asking her "Do you fancy a shag?", the touching was "sexual" for the purposes of s. 79(8) and the behavior amounted to a s.3 offence.

The Court set out the correct approach where an activity may be sexual. There are two distinct questions which should be considered: first whether the touching could, because of its nature, be sexual, and secondly, whether because of the circumstances or the purpose of any person in relation to it, be sexual."

Jidher car li il-bewsa ma kienetx bewsa sesswali jew kellha notazzjoni sesswali, anzi bil-kontra l-appellant ta' bewsa fuq zaqq mara anzjana bhala cajta ma' hbiebu. Qatt ma kien hemm avvicinament sesswali min-naha ta' l-appellant.

Illi l-appellant irid jappella mis-sentenza ta' hames xhur prigunerija. Dan huwa l-ewwel reat ta' l-appellant, izda minkejja dan inghata sentenza ta' prigunerija effettiva. Tali incident ma jishoq tali piena.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-8 ta' Awwissu, 2016 l-appellant informa l-Qorti li hu qed jillimita l-appell tieghu ghal piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tieghu kienet wahda eccessiva.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti tal-din il-kawza u semghet lill-partijiet dwar il-piena.

Illi fil-fehma taghha l-fatti li taw ghal dan il-kaz mhumiex daqstant gravi li jaghtu lok ghal piena karcerarja tenut kont il-fedina penali u l-eta' tal-appellant.  F'dan il-kaz hu opportun li l-piena erogat tigi varjata biex tirrifletti l-kaz in ezami.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma fil-meritu s-sentenza appellata. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' hames xhur prigunierija izda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li tali piena ma ghandhiex issehh hlief jekk l-appellant jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien sitt xhur mil-lum.  Thassar u tirrevoka l-multa nflitta u fic-cirkostanzi mhemmx lok ghal hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni.